MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 225/2002/1

**APS Bank Limited**

**vs**

**Jagrove Services Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-bank attur fis-26 ta' Frar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta' konvenuta hi debitrici tas-socjeta' attrici tas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, mitejn u tmienja u tletin lira maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm22,238.61) import ta' tlett kambjali u *cioe'*, is-somma ta' hamest elef disa' mija u erba' u disghin lira maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm5994.38) dovuta skond kambjala datata 14 ta' Novembru, 1996 u li skadiet fit-28 ta' Frar, 1997 (Dok

A); is-somma ta' tlett elef mitejn u disa' u erbghin lira maltija (Lm3,249) dovuta skond kambjala datata 13 ta' Frar, 1997 u li skadiet fit-12 ta' April, 1997 (Dok B); is-somma ta' tnax il-elf, disa' mija u hamsa u disghin lira maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm12,995.23) dovuta skond kambjala datata 13 ta' Frar, 1997 u li skadiet fit-12 ta' April, 1997 (Dok C); liema tlett kambjali gew accettati mis-socjeta' konvenuta u gew girati *"without protest"* mit-trajent originali *Advanced Systems International a favur* tas-socjeta' attrici.

L-imsemmija tlett (3) kambjali baqghu ma thallsux minkejja li skadew.

Is-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta' konvenuta biex thallas l-imsemmija tlett (3) kambjali izda din xorta wahda baqghet inadempjenti.

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hi debitrici tas-socjeta' attrici tas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, mitejn u tmienja u tletin lira maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm22,238.61) import ta' tlett (3) kambjali (Dok A, B, u C) accettati mis-socjeta' konvenuta u li gew girati favur is-socjeta' attrici mit-trajent originali u li skadew izda baqghu ma thallsux.

2. Tikkundana lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tnejn u ghoxrin elf, mitejn u tmienja u tletin lira maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm22,238.61).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' 17 ta' Ottubru, 2000 u tal-mandati ta' Qbid u Sekwestru prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, kontra s-socjeta' konvenuta mill-lum ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes *stante* illi ma jesistu ebda kambjala bejn il-kontendenti u dan skond ma jiddikkjara u jirrikonoxxi l-allura *assistant general manager* tal-bank attur. *Una volta* li ma jesistux kambjali bejn il-kontendenti allura ma tesisti ebda rabta guridika bejniethom u t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza jirrizulta li certu Jason Attard kien debitur tal-APS Bank Ltd, u biex *"ihallas"* dan id-dejn, dan Jason Attard ghadda lill-Bank attur tlett kambjali li s-socjeta' konvenuta Jagrove Services Ltd kienet harget *a favur* tas-socjeta' *Advanced Systems International Ltd,* li maghha kien jahdem dan Jason Attard. B'din il-procedura, il-Bank ma jilliberax lid-debitur mill-obbligazzjonijiet tieghu, imma l-Bank joffri facilita' li jekk id-debitur jipprezentalu kambjali, il-Bank jaccetta dawk il-kambjali u jipprocedi kontra d-debitur li jkun hemm fuq il-kambjali, b'riserva li jekk ma jigborx il-flus minghand dak id-debitur, iddur ghal-hlas kontra d-debitur originali tieghu. F'dan il-kaz, hekk gara; Jason Attard *"issellef"* il-kambjali li s-socjeta' konvenuta harget favur is-socjeta' *Advanced Systems International Ltd*, u wara li dawn gew girati minn din l-ahhar socjeta' *a favur* l-*APS Bank Ltd*, huwa ppresenthom lill-Bank attur biex din tipprova tithallas dak li hu dovut lilha *tramite* dawk il-kambjali. Il-Bank attur debitament fetah dawn il-

proceduri sabiex jircievi hlas ta’ Lm22,238.61 *a bazi* ta’ tlett kambjali girati favur tieghu.

M’hemmx dubju, f’dan il-kaz, li l-kambjali *in kwistjoni* gew girati favur il-Bank li hu parti estranea ghall-kuntratt li sehh u li wassal il-kontraenti li jiftiehmu fuq il-hrug tal-kambjali. Darba li kambjala tigi negotiata, l-effett, kif spjega l-awtur P.S. Atiyah fil-ktieb tieghu *“The Rise and Fall of Freedom of Contract”* (Oxford University Press; pag. 137), huwa *“to detach the debt from the underlying transaction”*. Dan il-punt huwa nfisser ahjar f’sentenzi moghtija mill-Qrati Taljani:

*“Le cambiale e’ un titolo di credito astratto dal rapporto fondamentali, il quale non puo’ essere opposto al terzo possessore di buona fede: tale obbligazzione astratta, che si colega al principio dell’autonomia del diritto del credito cambiario, e’ tale quando si considera nella sua circolazione, cioe’, quando congiunge due persone che non hanno contratto fra loro e si trovano l’una di fronte all’altra per la sola forza del titolo”* – app. Bari, 05 gennaio, 1952;

*“Il carattere formale del titolo cambiario e’ destinato ad operare solo rispetto ai terzi possessori del titolo stesso e non tra le parti nei cui confronto sorse originariamente il rapporto cambiario e rispetto alle quali l’efficacia cambiaria non puo’ avere valore assoluto, giacche’ non puo’ dissociarsi daglio accordi sostanziali che hanno determinato l’assunzione di una promessa cambiaria”. –* Cassazione, 12 luglio, 1962;

*“Le obbligazione cambiarie producono effetti diversi secondi che il debitore cambiario se trovi di fronte colui col quale ha contrattato od un terzo cui la cambiale sia pervenuta nella sua circolazione. Nel primo caso la cambiale costituisce soltanto una prova del credito, che puo’ essere eliminata o ridotta secondo la realta’ dei rapporti giuridici esistenti fra le parti. Nel secondo caso, l’obbligazione cambiaria ha carattere formale ed astratto”* – App. Roma, 24 maggio, 1956;

*"Il carattere di titolo formale ed astratto della cambiale spiega tutta la sua efficacia solo nei confronti dei terzi possessori, e non gia fra i soggetti originali del rapporto cambiario"* – App. Napoli, 22 ottobre, 1960.

Dan isehh peress li kambjala m'hijiex mezz ta' pagament, izda mezz ta' akkwist ta' kreditu *da parti* tal-kummercjant, u biex dan seta' jkun, kien mehtieg li meta l-kambjala tkun girata, tkun hekk girata (fi kliem l-imsemmi P.S. Atiyah.op cit.) *"free from counter claims or equities"*, u, *in* konsegwenza, *"the result was to create a kind of liability so easily enforced by the law that, as Adam Smith observed, 'money is more readily advanced upon [bills of exchange] than upon any other species of obligation'"* – P.S. Atiyah, op. cit.

Is-socjeta' konvenuta qed tallega li, bhala fatt, ma jezistux kambjali, ghax is-suppost kambjali li taghhom il-Bank attur qed jitlob hlas huma kondizzjonati, u l-kondizzjoni twassal ghall-invalidita' tal-kambjali. Fl-ewwel lok ghandu jigi carat li, kif spjega l-allura *General Manager* tal-Bank attur, kienu l-ewwel tlett kambjali presentati lilu li kienu kondizzjonati, tant li dawn gew minnu rifjutati. Sussegwentement, gew prezentati lilu tlett kambjali godda, li huma l-meritu ta' din il-kawza, u li ma kienux kondizzjonati. Aktar tard fix-xhieda tieghu, l-istess xhud esprima d-dubji tieghu dwar kemm wahda mill-kambjali esebiti hija *unconditional*. Hu innota li wahda minnhom tirristringi meta tista' tigi *delivered*, ghax fiha jinghad *"to be delivered before the 14th January"*, u jispjega li, allura, *"hija kondizzjonata li l-hlas irid issir entro certu zmien"*.

Din il-Qorti tibda' biex tirrimarka li, fil-fehma taghha, f'dan il-kaz ma hemm ebda kambjala li hi kondizzjonata. Il-frazi li semma' l-allura *General Manager*, moqrija fil-kuntest li fiha nkitbet, ma tirriferix ghal hlas fuq il-kambjala, izda ghal kuntratt li wassal ghal hrug tal-kambjala (l-*"underlying obligation"*). Fuq parti ohra tad-dokument li jikkontjeni wkoll il-kambjala, jinghad li dik il-kambjala inharget *"for the purchase of 50x15" SVGA Colour Monitors 1280x1024 Manufactured by Dotus to be delivered before 14th January, 1997, 12 months warranty"*. Jidher car li d-

*delivery* qabel l-14 ta’ Jannar torbot il-konsenja tal-*Colour Monitors* (li kellhom jigu konsenjati qabel dik id-data), u mhux il-hlas fuq il-kambjala. Il-kambjala hija fiha nfisha wahda regolari u inkondizzjonata, u darba din giet girata, tinhall mill-obbligazzjoni li waslet ghal hrug taghha, u titqies li jkollha viabilita’ awtonoma u indipendenti mill-*“underlying obligation”*. Il-persuna li favur taghha kambjala tkun giet girata, tinteressha biss mill-kambjala, u ma jinteressahix x’kienu il-kondizzjonijiet tal-obbligazzjoni li waslu ghal hrug tal-kambjala. Dak it-terz, anke jekk jigi nfurmat b’mod formali bit-termini tal-kuntratt tan-negozju li sehh bejn il-partijiet fuq il-kambjala, jista’ u ghandu dritt jinjora dawk it-termini u dak il-kuntratt, ghax hu ghandu dritt joqghod biss minn dak li jidher *“on the face”* tal-kambjala nfisha. Kambjala girata ghandha karattru formali u astratt, u hija indipendenti minn dak kollu li jista’ jkun registrat fuq kuntratt jew skrittura, anke jekk din tkun attaccjata mal-istess kambjala. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Borg noe vs Grech noe et”, deciza fis-7 ta’ Ottubru, 1996, persuna li favur taghha tkun girata kambjala (f’dak il-kaz il-Mid Med Bank), ghandha dritt tinsisti ghal hlas tas-somma indikat fuq il-kambjala, minghajr ma dik il-persuna ma hi obbligata tqies jekk l-*“underlying obbligation”* gietx sodisfatta jew le.

Fil-fatt, gie deciz ukoll li anke meta f’kambjala issir referenza ghal ftehim milhuq bejn il-partijiet u ghal kondizzjonijiet li jirregolaw dak il-ftehim, l-karattru awtonomu tal-kambjala (fejn hu applikabbli) ma jkunx gie pregjudikat – ara “Zarb noe vs Ruggier”, decisa minn din il-Qorti fit-30 ta’ Ottubru, 1995.

Biex kambjala titqies kondizzjonali, irid jidher mill-kambjala nfisha li hemm kondizzjoni marbuta mal-ordni tal-hlas, *“so that the type of document which runs ‘Pay AB the sum of Lm100 on condition that the receipt below is duly signed and dated’ or ‘provided the receipt form at foot hereof is duly signed and dated’, is not a bill of exchange, despite any outward similarity: Bovins vs London and South Western Bank (1900)”* – T.G. Reeday, *“The Law relating to Banking”* (4th Edit. p. 333). F’dan il-kaz ma hemm ebda kundizzjoni marbuta mal-ordni ta’ hlas, li hi

wahda cara, semplici u inkondizzjonata. Fil-fatt, l-istess awtur isemmi kaz iehor fejn f'parti ohra tal-kambjala kien hemm miktub *"the receipt of the bank must be signed"*, u intqal li dik mhiex xi kondizzjoni marbuta mal-ordni tal-hlas, u l-kambjala kienet wahda valida: Nathan vs Ogdens Ltd 1905. L-ordni ta' hlas kontenuta fit-tlett kambjali *in kwistjoni* hija wahda inkondizzjonata.

Is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas l-ammont hemm indikat, u l-konsenja *o meno* tal-*Colour Monitors* trid tarha hi mal-parti l-ohra li maghha laqghet ftehim; ghal-fini ta' din l-istanza, *pero'*, l-accettazzjoni tal-hlas fuq il-kambjala mhix kondizzjonata. Ghal qbija, hu principju li kull min jintrabat taht kambjala, ikun hekk marbut mhux biss a favur l-emittenti, izda favur kwalunkwe possessur tal-istess kambjala fl-iskadenza – "Galea noe vs Bartolo" decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 1968. It-talba attrici, *kwindi*, timmerita li tkun akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tichad l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Bank attur is-somma ta' Lm22,238.61 (tnejn u ghoxrin elf, mitejn u tmienja u tlettin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) bl-imghax legali ta' 8% mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kif mitluba u tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------